

21995D0413(06)

13.4.1995

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 83/47

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE**Nru 16/95****ta' l-24 ta' Frar 1995****li temenda l-Anness II (Regolamenti, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni tekniċi) għall-Ftehim taż-ŻEE**

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, kif aġġustat bil-Protokoll li Jaġġusta l-Ftehim għaż-Żona Ekonomika Ewropea, minn hawn iżjed 'il quddiem issir referenza għalih bħala l-Ftehim, u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi l-Anness II għall-Ftehim ġie l-aħħar emendat bid-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru 9/95 tas-27 ta' Jannar 1995 li temenda l-Anness II (Regolamenti, standards, ittestjar u ċertifikazzjoni tekniċi) għall-Ftehim taż-ŻEE (1);

Billi d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/643/KE tat-12 ta' Settembru 1994 dwar l-irtirar ta' l-awtorizzazzjonijiet għal prodotti ta' protezzjoni tal-pjanti li fihom il-cyhalothrin bħala sostanza attiva (2) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-punt il-ġdid li ġej għandu jiddaħħal wara l-punt 12f (Regolament tal-Kummissjoni Nru (KE) 1488/94) tal-Kapitolu XV ta' l-Anness II għall-Ftehim:

"12g. **394 D 0643:** Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/643/KE tat-12 ta' Settembru 1994 dwar l-irtirar ta' l-awtorizzazzjonijiet għal prodotti ta' protezzjoni tal-pjanti li fihom il-cyhalothrin bħala sostanza attiva (ĠU L 249, ta' l-24.9.1994, p. 18).".

Artikolu 2

It-testi tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 94/643/KE fil-lingwa Islandiża u Norveġiża, li huma annessi għall-verżjonijiet tal-lingwi rispettivi ta' din id-Deċiżjoni, huma awtentiċi.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar l-1 ta' April 1995, sakemm ikunu ġew magħmula n-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fis-Sezzjoni taż-ŻEE ta', u fis-Suppliment taż-ŻEE għall-Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej.

Magħmula fi Brussel, fl-24 ta' Frar 1995.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

G. J. L. AVERY

(1) ĠU L 47 ta' l-2.3.1995, p. 29.

(2) ĠU L 249, ta' l-24.9.1994, p. 18.